**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 4 ta' Mejju, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Diego Palmese**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Diego Palmese ta' 33 sena, bin Pasquale u Filomena nee' Bolletta, imwieled gewwa Napli, Italja fl-1 t' Ottubru 1984, minghajr residenza gewwa Malta u detentur tal-karta tal-identita Taljana numru AT2813926, akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Mejju 2018 u fil-jiem ta' qabel din id-data;

1. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-

Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicina, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

F' kaz ta' htija il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill-akkuzat sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Mejju, 2018 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li kkopera fl-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**